**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 4 ta' Novembru 2019**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 744/2019**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tad-29 ta' Lulju 2019 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 25 ta' Settembru 2006, in atti Nutar Dottor Robert John Muscat (Dok. "A") u fl-iskrittura privata datata 6 ta' Ottubru 2012 (Dok. "B") is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici ta' Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews fis-somma ta' tlett mija u tmintax-il elf, tmien mija u sitta u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu (€318,836.31) bilanc ghad-debitu fil-"House u Consumer Loan Accounts" ta' Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa "C4" u Dok. "D1 sa "D4") flimkien mall-imghax ulterjuri mill-21 ta' Gunju 2019 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" Dok. "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews:
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati,
(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

4. Illi l-attrici nominee taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datata 22 ta' Gunju 2018 li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok. "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha issir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews (a) naqsu milli jhallsu dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u fl-iskrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici.

2. Tikkundanna lil Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews ihallsu flimkien u "in solidum" lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u tmintax-il elf, tmien mija u sitta u tletin ewro u wiehed u tletin centezmu (€318,836.31) bilanc ghad-debitu fil-"House u Consumer Loan Accounts" ta' Michael u Simone mizzewgin Aquilina Clews mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa "C4" u Dok. "D1 sa "D4") flimkien mall-imghax ulterjuri mill-21 ta' Gunju 2019 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficjali datata 22 ta' Gunju 2008 (Dok. "E") li qed tigi prezentata kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuti u in-nota tal-bank attur li qed tirriduci t-talba ghal €266,831.58 stante depositi li saru fil-mori tal-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu flimkien u "in solidum" lil bank attur is-somma ta' mitejn u sitta u sittin elf, tmien mija u wiehed u tletin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€266,831.58) bilanc ghad-debitu fil-"House u Consumer Loan Accounts" tal-konvenuti Michael u Simone

mizzewgin Aquilina Clews mall-istess bank, flimkien mall-imghax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur